MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1393/1996/1

**Carmel sive Charles Attard u John Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Attard Brothers**

**v.**

**Saviour Vella**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata fit-30 ta' April, 1996 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi nomine ppremettew illi huma bieghu lill-konvenut diversi attrezzaturi in

konnessjoni mal-gestjoni ta' "*nightspot*" jew "*disco*" illi gew debitament konsenjati u installati, kif ukoll taw servizz ta' stallazzjoni fid-"*disco*" gestit mill-konvenut u l-konvenut wara li hallas xi ammonti issa baqghalhom jhallsu (sic) bilanc ta' tmien mija u hmistax-il lira (LM815): liema bilanc huma (sic) ma hallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet, l-atturi ghalhekk talbu li dik il-Qorti-

1. tikkundannah ihallsu (sic) lill-atturi nomine s-somma ta' LM815 ghar-ragunijiet indikati,

bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra interpellatorja ta' l-1 ta' Settembru, 1995 u ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 1996 u imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut illi huwa ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota ipprezentata fil-25 ta' Novembru, 1996 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur.
2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b),
3. Illi fi kwalunkwe kaz il-prezz gie sodisfatt.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tad-29 ta' Novembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-parti dispozittiva qalet hekk: "*taqta' u tiddecidi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkluz dik relattiva ghall-preskrizzjoni eccepita abbazi ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 stante li huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' t-talba attrici,*" u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ammont indikat fic-citazzjoni w ghar-ragunijiet hemm moghtija, bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mid-data ta' l-ittra ufficjali u cioe` it-12 ta' Marzu, 1996 sa l-effettiv pagament.

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk permezz ta' rikors ipprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2001 talab li ghar-ragunijiet hemm

moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza suddetta tad-29 ta' Novembru, 2001 u dana billi tichad it-talbiet ta' l-atturi nomine u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi nomine appellati.

L-atturi nomine pprezentaw risposta ghall-appell interpost mill-konvenut fejn, filwaqt li ssottomettew li s-sentenza hija gusta, talbu li din tigi konfermata anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess riposta.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-konvenut in sostenn ta' l-appell tieghu qed iressaq is-segwenti aggravji:-

1. Illi l-atturi nomine ma rnexxilhomx jippruvaw it-talbiet taghhom skond il-ligi sew ghax l-ircevuti esebiti mill-atturi nomine m'humiex l-ahjar prova u kif ukoll dawn minn imkien ma jipprovdu ness bejn il-konvenut u l-attur nomine. B'risposta ghal dan l-aggravju qed jigi sottomess mill-kontro parti appellata li "l-appellant qatt ma qal jew allega li l-bejgh in kwistjoni ma sarx; sostna fl-eccezzjonijiet tieghu li l-oggetti ma kienux ghalih …… Ghalhekk l-allegazzjoni tardiva tieghu imsemmija ghall-ewwel darba fir-rikors ta' l-appell hija kollox bla bazi." Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali inkluzi d-dokumenti ezebiti a fol. 14 et sequitur u tosserva li hafna mid-delivery notes ta' l-oggetti mibjugha gew iffirmati mill-istess konvenut (Vide dok. 5 (fol.18), dok. 7 (fol.20), dok. 9 (fol.22) u dok. 23 (fol.23). Inoltre x-xhud John Attard ikkonferma li x-xoghol kollu li sar in konnessjoni man-Now Disco sar fuq inkarigu tal-konvenut personalment u kompla jzid li "Dana mhux biss in kwantu ghas-servizz ta' installazzjoni li sar izda anki fir-rigward tal-bejgh ta' l-attrezzi konnessi ma' l-istess disco."[1] In kontro-ezami l-istess xhud mistoqsi min kienu l-persuni li isimhom jidher fuq id-delivery notes a fol. 14, 15, 16 u 24 qal li "l-konsenji saru fil-post tal-konvenut fejn kellna nikkonsenjawhom u dawna l-persuni huma l-persuni li hadu l-konsenja.

[1] Fol. 12 tal-process.

Nipprezumi illi dawna  huma impjegati tal-konvenut."[2] Din il-prezunzjoni, pjuttost gustifikata fic-cirkostanzi inkwantu l-apparat gie konsenjat fil-fond tal-konvenut, qatt ma giet ribattuta mill-istess konvenut. Finalment ix-xhud Maurice Attard spjega li kien hu li kien ghamel l-arrangamenti dwar l-ordnijiet u l-installazzjoni. Dan jghid li ghalkemm kien originarjament kellmu certu Joe Baldacchino, kien effettivament il-konvenut li, wara hafna inkontri, ghamel ordni "biex is-socjeta` attrici tissuplixxi apparat ta' dawl."[3] Ma' dan ghandu jizdied li mhux kontestat li fejn gie installat l-apparat in kwistjoni huwa tal-konvenut u ghalhekk l-istess apparat, ghalkemm seta' kien utli fl-intrapriza li l-konvenut u Baldacchino kienu bi hsiebhom imexxu, qatt ma seta' inxtara minn dan Baldacchino billi kien apparat indikat ghall-uzu tad-disco ta' l-istess konvenut. Minn dan jidher li dan l-aggravju mhux gustifikat izda ghandu jinghad ukoll li l-eccezzjoni tal-pagament imressqa mill-konvenut hija inkompatibbli mas-sottomissjoni tal-konvenut appellant. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

2. Bit-tieni aggravju l-appellant qed jinsisti li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnu sollevata kellha tigi akkolta u b'hekk l-azzjoni dikjarata perenta. F'dan ir-rigward qed jigi sottomess mill-konvenut li, ghalkemm jezistu s-sentenzi citati mill-ewwel Qorti li jghidu li d-differenza fundamentali bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa tirrisjedi fil-kwantita` ta' l-oggetti mixtrija, hemm diversi sentenzi ohra li jiddistingwu bejn tali bejgh mhux b'referenza ghall-kwantita` izda b'referenza ghall-intenzjoni li ghaliha jkunu nxtraw tali oggetti, fis-sens illi persuna tkun qed tixtri bl-imnut meta l-intenzjoni taghha tkun li l-oggetti in kwistjoni ma jkunux intenzjonati ghall-bejgh ulterjuri lil terzi izda ghall-uzu personali.

Fir-rigward ta' l-aggravju marbut ma' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva sollevata mill-konvenut, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata u preciza tas-sitwazzjoni ezistenti fis-sistema guridiku taghna. Infatti kif sewwa gie osservat fis-sentenza ta' din

[2] Fol. 27 tal-process.
[3] Fol. 32 tal-process.

il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Micallef pro et noe v. Francis Mercieca"[4] meta kienet qed tanalizza s-sitwazzjoni lokali ta' x'jammonta ghall-bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa l-ligi taghna in materja ma segwitx it-test tal-ligi Taljana u Franciza li generalment servew lil-legislatur taghna ta' mudell. Dawn jittrattaw dwar krediti ta' kummercjanti ghall-prezz ta' merci minnhom mibjugha skond l-Artikolu 2139 tal-Kodici Taljan ta' l-1865 lill-'persone che ne fanno commercio' u skond l-Artikolu 2272 tal-Kodici Franciz (segwit fl-artikolu 2178 tal-Kodici Naplitan, artikolu 2317 tal-Kodici Estensi u Artikolu 2400 tal-Kodici Albertin) lill-'particuliers non marchants'.

Dik is-sentenza tkompli hekk:
"Illi minn dan jidher li d-distinzjoni fondamentali li ried jaghmel il-legislatur taghna kienet bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Il-kriterju distintiv gie ddelineat f'paragrafu, in segwitu ripetutatment citat, tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc ippresjeduta mill-Imhallef Paolo DeBono fil-15 ta' Novembru, 1892 fl-ismijiet Attard v. Refalo;

"*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, <u>il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro</u>*" (Koll. Vol. XIII.294);

Tkompli dik is-sentenza:
"Illi accettat dan in linea ta' principju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar, 1912 fl-ismijiet **Fenech vs Galea** (Koll. Vol. XXI.I.406) opportunament aggungiet illi l-ligi fid-disposizzjoni in ezami ma tharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tad-dettaljatur, <u>imma thares biss</u> lejn il-vendita fiha nnifisha "*e se questa e` fatta a minuto,*

[4] Qorti ta' l-Appell 26 ta' Mejju, 1967

*cioe`, in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che de qust' ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio."*

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dan kollu hawn fuq riportat u, wara li kkunsidrat l-valur tal-mercja akkwistat, waslet korrettament ghall-konkluzzjoni li l-preskrizzjoni applikabbli ma kinitx dik sollevata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet izda se mai dik ta' hames snin li, fi kwalunkwe kaz ma gietx moghtija bhala eccezzjoni. Jigi osservat inoltre li ghalkemm fir-rikors ta' l-appell jinghad li hemm gurisprudenza kontrastanti ma dak li ccitat l-ewwel Qorti ma saret ebda referenza ghal xi sentenza partikolari. Ghall-kuntrarju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mis-S.T.O Joseph Said Pullicino (President) meta kien qed jippresjedi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Novembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Peter Fenech nomine v. Medina Food Manufacturing Company Limited", meta f'cirkostanzi simili hafna ghal dawk li rrizultaw fil-kawza odjerna, l-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens li rriteniet illi kienet applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin u mhux tat-tmientax-il xahar. Din il-Qorti ghalhekk, wara li hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni fuq riportat, ma ssib xejn oggezzjonabbli fiha u ghalhekk taghmel taghha l-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------